# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 135/13MH**

**Illum 28 ta' Settembru, 2016**

**Andre Xuereb (K.I. 431074M) u John (K.I. 371466M) u Salvina (K.I.158066M) konjugi Camilleri**

**vs**

**Joseph (K.I. 84066M) u Claire (K.I.341473M) konjugi Bezzina**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-atturi** tat-8 ta' Frar 2013 fejn gie premess:

*"1. Illi l-atturi ffirmaw skrittura mal-konvenuti datata (12) ta' Lulju elfejn u hdax (2011) meta bis-sahha ta' l-istess skrittura l-konvenuti bieghu, assenjaw, ittrasferew lill-atturi li accettaw jixtru u jakkwistaw minghandhom il-mobile kiosk tat-tip Ford Cargo li ghandu n-numru tar-registrazzjoni DBB 269, kif*

*ukoll il-permessi u licenzja kollha relatati in konnessjoni ma' l-istess mobile kiosk u l-oggetti kollha u l-attrezzi ta' go fih kif ukoll l-oggetti kollha li lista taghhom giet annessa ma' l-istess skrittura;*

*2. Illi l-atturi intrabtu li jixtru dan il-mobile kiosk versu l-prezz ta' mija u tletin elf Ewro (€130,000) mil-liema somma l-konvenuti ddikjaraw li ircivew is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) qabel id-data ta' l-imsemmija skrittura u fid-data ta' l-iskrittura ircivew is-somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000) bhala akkont tal-prezz. Illi in kwantu ghall-bilanc ta' hamsin elf Ewro (€50,000) s-somma ta' €11,650 kellha tithallas permezz ta' trasferiment ta' garaxx proprjeta' ta' Andre Xuereb li sar, is-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) tithallas mill-konjugi Camilleri mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), kif kawtelata permezz ta' att ta' kostituzzjoni ta' ipoteka pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Ritienne Bugeja Fenech u s-somma ta' €18,350 tithallas f'pagamenti ta' elf Ewro (€1,000) fix-xahar minghajr interessi bl-ewwel pagament isir fit-30 ta' Lulju tas-sena korrenti 2011 u hekk ikompli jsir minn (recte: kull) xahar sakemm jigi mhallas il-prezz kollu;*

*3. Illi kif se jirrizulta waqt is-smiegh ta' din il-kawza l-permessi relattivi sabiex tintuza u tigi operata din il-mobile kiosk kellhom jigu trasferiti minn fuq l-intimati ghal fuq ir-rikorrenti. Illi dawn il-permessi effettivament ma gewx trasferiti ghal fuq l-esponenti b'mod ghalhekk li l-mobbli in vendita ma kienx jinkludi dak kollu miftiehem bejn il-partijiet;*

*4. Illi kif se jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, l-fatti illi l-permessi u l-licenzji ta l-awtoritajiet ma gewx trasferiti fuq l-esponenti ser jirrekalhom danni konsistenti fil-fatt li l-valur tal-mobile kiosk mibjugh ma jirriflettix dak li gie miftiehem bejn il-partijiet;*

*5. Illi minkejja li kien interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u assunzjoni tad-danni sofferti, l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant jitolbu l-intimati ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara li l-esponenti atturi sofrew danni kawza tal-fatt illi l-permessi u l-licenzji tal-mobile kiosk numru tar-registrazzjoni DBB 269 ma giex trasferit fuq ir-rikorrenti u dan ai termini tal-ftehim tat-12 ta' Lulju tas-sena 2011;*

2. *Tillikwida d-danni hekk sofferti jekk mehtieg anke bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tordna li d-danni hekk sofferti jigu mhallsa lir-rikorrenti atturi;*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-prezenti sal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mal-istess rikors guramentat;

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenuti** tal-24 t'April 2013[1] li permezz taghha eccepew:

*"1. Illi it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li, skond ma kif jirrizulta mill-ftehim innifsu li igib id-data tal-12 ta' Lulju 2011, (Dok "A" esibit mir-rikorrenti stess)*

[1] Fol 14

*jirrizulta li attwalment il-mobile kiosk in kwistjoni inbiegh u gie trasferit bil-permessi u licenzji kollha relatati u mhux bi promessa da parte tal-esponenti li jaqleb l-istess licenzji fuq ir-rikorrenti u kwindi il-bazi tal-azzjoni tar-rikorrenti hija monka minn kull fundament legali u hija improponibbli.*

*2. Illi ir-rikorrenti kien jaf li is-Sindku tal-irhula ta' Zebbug u Mgarr sabu oggezzjoni li jsir t-trasferiment tal-licenzji minn fuq l-esponenti ghal fuq ir-rikorrenti u madanakollu ghazlu li jiffirmaw l-istess ftehim u ghalhekk issa ma jistghux jigu 'l quddiem u jaghmlu l-ilmenti taghhom. Illi altrimenti kwalsiasi licenzja u permessi huma debitament maqluba fuq ir-rikorrenti.*

*3. Illi ir-rikorrenti ma fallewx li jiehdu sehem f'festa wahda minn dawk li l-esponenti kellhom qabel d-dritt li jippartecipaw fihom u ippartecipaw fihom kollha permezz tal-kjosk relattiv u kwindi huma ma baghtew ebda danni li jistghu ikunu attribwibbli lill-esponenti.*

4. *Illi huwa importanti li jinzamm in perspettiva il-fatt illi l-imsemmi kjosk mhux talli baqa' fil-pussess tal-atturi izda illi ghamlu uzu bih, skond kif kien originarjament intiz illi kellhom jaghmlu uzu bih. Ghadu fil-pussess taghhom sallum stess.*

5. *Salv kontestazzjoni ulterjuri skond il-ligi u b'riserva ghall-pagament tal-bilanc dovut skond l-istess ftehim fl-ammont ta' €25,000."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikata fl-istess risposta guramentata;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet.Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.;

Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku mqabbad minnha biex jaghti stima tal-valur tat-trakk mertu tal-proceduri odjerni u biex jiddeskrivi l-kundizzjoni tieghu kif inhi llum;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Il-kawza tal-lum titratta kwistjoni naxxenti minn ftehim iffirmat fit-12 ta' Lulju 2011[2] permezz ta' liema l-konvenuti bieghu, assenjaw u trasferew lill-atturi *mobile kiosk* bin-numru ta' registrazzjoni DBB 269 inkluz il-permessi u l-licenzja kollha relattivi, kif ukoll apparat u oggetti ohra ancillari ghall-imsemmija gabbana[3]. Dan versu l-prezz totali ta' €130,000 li sal-lum parti minnu ghadu mhux imhallas[4].

Skont l-atturi, il-permessi u l-licenzji relattivi ghal dan il-mobile kiosk ma gewx effettivament trasferiti lilhom, b'dana li gew rekati lilhom danni in kwantu l-valur tal-gabbana mixtrija minnhom ma kienx jirrifletti dak pattwit bejn il-partijiet fil-ftehim imsemmi. Huma qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u l-kundanna ghal hlas ta' danni minghand il-konvenuti.

Minn naha l-ohra l-konvenuti jilqghu ghall-pretensjonijiet attrici billi jirribattu li huma effettivament trasferew u bieghu il-gabbana in kwistjoni nkluz il-permessi u l-licenzji kollha relatati, liema trasferiment ma kienx jinkludi l-weghda li l-konvenuti jaqilbu l-istess licenzji u permessi fuq l-atturi. Di piu', sa minn qabel

[2] Fol 5
[3] Fol 35
[4] Xhieda tal-konvenut Joseph Bezzina a fol 252

l-iffirmar tal-ftehim imsemmi, il-konvenuti kienu gabu a konjizzjoni tal-atturi l-problemi li kien hemm fir-rigward tat-trasferiment tal-licenzji u permessi fil-lokalitajiet ta' Haz-Zebbug u tal-Imgarr, u nonostante dan l-atturi ppersistew bl-iffirmar tal-ftehim. L-atturi nghataw il-pussess tal-gabbana u ghadhom juzawha sal-lum. Il-konvenuti ghalhekk jinsistu li huma m'ghandhomx jirrispondu ghal danni.

## PROVI MRESSQA

### A. *Trattativi u ftehim bejn il-partijiet*

L-*iter* processwali juri li l-attur John Camilleri gie avvicinat mill-attur l-iehor Andre Xuereb dwar trakk ghal bejgh li kien jintrama fil-festi, dak iz-zmien proprjeta' tal-konvenuti. Fit-trattativi li dahlu fihom mal-konvenuti, l-atturi jghidu li l-konvenuti ggustifikaw il-*quantum* tal-prezz mitlub il-ghaliex huma kienu ser ibieghu mhux biss il-gabbana "*imma kien se jtina l-postijiet tajbin u bil-licenzji jinqalbu fuqna*[5]*.*" Minn naha tieghu il-konvenut Joseph Bezzina li jghid li *"meta sar id-diskors bejnietna ahna konna ftehmna ukoll illi kont ser incedilhom il-post fejn kont narma jien…."*[6].A bazi ta' dawn id-diskussjonijiet il-partijiet qablu fuq prezz globali ta' €130,000.

Fis-6 ta' Gunju 2011 il-partijiet iffirmaw konvenju quddiem in-Nutar Ritienne Bugeja Fenech[7] permezz ta' liema ghamlu promessa ta' xiri/bejgh tal-mobile kiosk in kwistjoni flimkien mal-*"permessi u licenzja kollha relatati in konnessjoni mal-istess mobile kiosk u l-oggetti kollha u l-attrezzi kollha ta' go fih"* kif ukoll oggetti ohra. Gie riservat id-dritt li l-kompraturi (atturi odjerni) ma jixtrux il-gabbana jekk ma jigix approvat self mill-Bank ghall-hlas ta' parti

[5] Affidavit John Camilleri u affidavit Andre Xuereb a fol 48 u 51 rispettivament (para 2)
[6] Fol 87
[7] Fol 30 et seq

minnha. Dakinhar li ltaqghu ghall-iffirmar ta' dan il-konvenju, l-atturi jghidu li gew infurmati mill-konvenuti li kien hemm problema fir-rigward tal-premessi, u dan fil-lokalita' ta' Haz-Zebbug. L-attur John Camilleri jghid hekk:

*"Niftakar li meta ltqajna fis-6 ta' Gunju 2011 quddiem in-Nutara, Joseph Bezzina kien qalilna li ghandna problema wahda rigward permessi u cioe' li kien lokal wiehed li kien Haz-Zebbug. U dan peress li l-permessi jridu jduru minn kull lokal u mhux sempliciment permess wiehed marbut mat-trakk ghal kullimkien, izda kull lokal trid toqghod tmur tapplika u ddawwar il-permess. Ahna staqsejna lil Joseph Bezzina ghaliex ma kienx se jdur il-permess ta' Haz-Zebbug u hu qal "ghax Alfred Grixti huwa rasu iebsa u arroganti u ma tahdimx mieghu.""*[8]

Andre Xuereb  fi stadju tal-konvenjun ighid:-

*"Irrid nghid li sadanittant ma konniex ittentajna nippruvaw indawwru xi permessi u ma konniex ghadna nafu l-posizzjoni rigward dawn il-permessi x'inhuma"*[9]

In-Nutar Dr. Ritienne Bugeja Fenech li rredigiet il-konvenju msemmi, u aktar tard il-kuntratt finali, qalet hekk:

*"Niftakar li quddiemi l-partijiet kienu tkellmu dwar permessi semmew kemm dawn il-permessi kienu f' postijiet tajbin jigiferi fic-centru ta' fejn issir il-festa. Niftakar li kienu issemmew irhula partikolari imma illum ma nistax niftakar x' inhuma dawn l-irhula, liema huma dawn l-irhula. Imma semmew diversi irhula. Id-diskussjoni kienet fis-sens li l-post fejn jarma il-mobile kiosk kien wiehed*

---

[8] Affidavit a fol 48 para 4
[9] Affidavit a fol 51

*tajjeb. Allura kien ser ikollu income tajjeb. Mistoqsija mil-Qorti jekk kienx hemm xi raguni ghalfejn dawn il-posti ma kienux issemmew fl-iskrittura nghid minhabba li dak kollu li kellu x' jaqsam mal-mobile kiosk, kien ser jigi ittrasferit maghha.*[10]

Il-konvenut minn naha tieghu jghid li diskors dwar *"il-possibilita' li jkun hemm xi rahal li ma jaccettax li jaqleb il-permess minn fuq ismi ghal fuq isimhom*[11]*"* intqal lill-atturi anke minn **qabel** ma gie ffirmat il-konvenju, u dan fil-festa ta' Hal Tarxien f'Mejju 2011 fil-prezenza ta' bejjiegh iehor tal-gabbani certu Robert Mizzi kif konfermat minnu stess[12]. Dan huwa ammess ukoll mill-atturi tant li l-attur Camilleri jghid hekk:

*"Nikkonferma izda illi qabel ghamilna l-konvenju Joe Bezzina kien qalli illi hemm diffikulta' biex jinqaleb il-permess minn fuq ismu ghal fuq ismi fir-rigward ta' Haz-Zebbug*[13]*."*

Aktar minn xahar wara li sar il-konvenju, fit-12 ta' Lulju 2011 gie ffirmat il-kuntratt ta' bejgh tal-imsemmi mobbli fejn gie miftiehem illi:

*"Bis-sahha ta' dan l-att il-vendituri qeghdin ibieghu, jassenjaw u jitrasferixxu lill-kompraturi li fl-ishma fuq imsemmija jaccettaw jixtru u jakkwistaw minghandhom il-mobile kiosk tat-tip Ford cargo li ghandu n-numru tar-registrazzjoni DBB 269, kif ukoll il-permessi u licenzja kollha relatati in konnessjoni mal-istess mobile kiosk u l-oggetti kollha u l-attrezzi ta' go fih kif*

---

[10] Fol 24
[11] Fol 87
[12] Xhieda a fol 91
[13] Kontro-ezami a fol 82

*ukoll l-oggetti kollha li lista taghhom qeghda tigi annessa ma' dan l-att markata bhala Dokument A."*[14]

Jirrizulta wkoll bhala fatt li:

i. Filwaqt li l-kuntratt jirreferi ghal bejgh, assenjazzjoni u trasferiment tal-permessi u l-licenzji kollha relatati mal-gabbana in kwistjoni, ma nghatat ebda garanzija mill-konvenuti fl-istess kuntratt li l-akkwirenti kienu qeghdin jixtru xi dritt li jarmaw fi spazju jew post partikolari. In-nutar Bugeja Fenech xehdet hekk:

*"Mistoqsija mill-Qorti jekk il-konvenuti tawx xi garanzija lill-akkwirenti li dan li-mobile kiosk partikolari kellu id-dritt li jintrama f' postijiet partikolari fejn ikun qed jigu iccelbrati il-festi nghid li le as such ma inghatawx garanziji*[15] *";*

ii. L-istess nutar tikkonferma wkoll li ma ddahhlet ebda klawsola fil-kuntratt li tipprovdi ghal xi konsegwenzi jekk il-permessi u l-licenzji mibjugha mill-konvenut ma jinqalbux fuq l-atturi mill-awtoritajiet kompetenti:

*"Ma hemm l-ebda kundizzjoni ta x' jigri jekk ma jdurux il-permessi u dan ghax il-partijiet kienu certi li it-trasferiment ser isir*[16]*."*

iii. Fil-perjodu kollu qabel ma gie ffirmat il-kuntratt finali, u sahansitra anke qabel ma gie ffirmat il-konvenju, ma saru ebda verifiki mill-atturi u minn nutar taghhom dwar l-implikazzjonijiet legali u prattici tal-bejgh tal-permessi u licenzji in kwistjoni:

---

[14] Fol 5
[15] Fol 24
[16] Fol 25

Fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 2013[17] l-atturi ddikjaraw li *"qabel ma sar in-negozju ma' Bezzina, ma ghamlu l-ebda verifiki dwar jekk setax idur jew le l-permess f'isimhom".*

Waqt ix-xhieda tieghu in kontro-ezami l-attur John Camilleri qal hekk:

*"Ricerka ma saritx fil-perjodu meta ffirmajna l-konvenju sakemm iffirmajna l-kuntratt. Ahna hallejna f'idejn in-nutar. In-nutar kellha tiehu hsieb taghmel ricerki bhal affarijiet ta' djun, permessi, affarijiet li ahna ma nkunux nafuhom. In-nutar kienet taf bid-diffikulta' li semma Bezzina waqt il-konvenju dwar Haz-Zebbug. Lin-nutar ma semmejnilhiex biex taghmlilna ricerka fuq il-kaz ta' Haz-Zebbug. Ghidnilha "ghamlilna r-ricerka fuq dak kollu li hemm bzonn biex isir in-negozju[18]."*

L-attur l-iehor Andre Xuereb qal hekk:

*"Mistoqsi x'ricerki tlabt lin-nutar biex taghmel, nghid dak kollu li kellu x'jaqsam ma' dan in-negozju....Jiena ma hassejtx il-bzonn illi jkolli noqghod immur qabel[19] ma nakkwista nkellem lil xi hadd il-Kunsill. Kelli diga' f'mohhi ser naghmel u dan ghaliex is-Sur Grixti huwa rapprezentant ta' partit politiku u jiena kont lest illi mmur nitkellem wara[20] li nixtri[21]."*

In-Nutar Bugeja Fenech xehdet:

*"Minn naha tieghi ma ghamilt l-ebda verifika mad-dipartiment tal-kummerc u ma' kunsilli lokali fejn kien jintrama dan il-kiosk....Nikkonferma li jien min-*

---

[17] Fol 46
[18] Fol 82
[19] Sottolinear tal-Qorti
[20] Sottolinear tal-Qorti
[21] Fol 84

*naha tieghi ma kontx u m'inix midhla tal-procedura tal-licenzji u permessi li ghandek bzonn biex topera mobile kiosk. Ghalhekk ma ghandi ebda hjiel ghand min trid tmur, x'applikazzjonijiet iridu jsiru u wkoll l-awtoritajiet li huma kompetenti dwar dawn*[22]*."*

**B. *Trasferiment ta' permessi***

Jirrizulta wkoll li <u>wara</u> l-iffirmar tal-kuntratt, l-atturi flimkien mal-konvenut bdew iduru l-kunsilli lokali ta' diversi lokalitajiet biex idawru l-permessi fuqhom. Dan kemm ghal dawk li kienu jolqtu l-festi tar-rahal jew belt kif ukoll attivitajiet ohra. L-atturi jghidu hekk:
*"Bil-mod il-mod ahna bdejna l-proceduri li ndawwru l-permessi lokalita', lokalita'. L-ewwel wiehed li konna dawwarna kien tal-Furjana biex narmaw ghall-Karnival. Jien niftakar li mort ma' Bezzina l-Kunsill Lokali bil-kuntratt u dawwarnih. B'dan il-mod ghamilna din il-procedura ghal diversi lokalitajiet*[23]*."*

Mix-xhieda ta' uhud mid-diversi segretarji amministrattivi tal-kunsilli lokali mharrka fil-kawza irrizulta dan ix-xenarju ghal dak li jolqot hrug ta' permessi ghall-festi:

1. <u>Kunsill Lokali - Hal Lija</u>

Is-sistema hija *"illi jekk ikun hemm persuna li f'sena partikolari tkun inghatat il-permess biex tarma kiosk waqt il-festa ta' Hal Lija, jekk imbaghad is-sena ta' wara jigi xi hadd gdid, igifieri differenti mill-ewwel wiehed, dak nitolbuh, lill-gdid, biex igibilna prova li jkun sar it-transfer tal-kiosk. Nitolbu normalment dikjarazzjoni ta' nutar. Naccettaw anke ittra iffirmata. B'hekk issir transfer min-*

[22] Fol 25-26
[23] Affidavit ta' John Camilleri u ta' Andre Xuereb a fol 49 u 52 rispettivament - para 6

*naha tal-Kunsill Lokali tal-kiosk u tal-posta, igifieri l-post fejn tigi armata l-kiosk*."[24] Ghal dan il-Kunsill Lokali, il-posta hi abbinata mal-kiosk u mhux mal-persuna. L-attur kien applika mal-Kunsill Lokali sabiex jarma bil-kiosk in kwistjoni bejn is-27 ta' Lulju 2012 u s-6 t'Awissu 2012 fl-istess post fejn kien intrama s-sena ta' qabel u annetta dikjarazzjoni tan-Nutar tieghu dwar it-trasferiment tal-kiosk u tal-permessi bejn il-konvenuti u l-atturi[25].

2. Kunsill Lokali - Floriana

Is-sistema f'dan il-kunsill hija li l-permess huwa abbinat mal-persuna b'dana li jekk huwa jibdel il-mobbli li minnu jbiegh, ma hux mehtieg permess gdid. "*Il-prassi hi illi min jinghata posta, is-sena ta' wara jinghata l-istess posta. Pero` jista' jkun hemm ezigenzi ohrajn illi tinbidillu l-posta. Ghalhekk il-Kunsill m'huwiex marbut bil-posta li tkun inghatat fis-sena ta' qabel. Ikun hemm kazijiet fejn min jarma bil-kiosk jigi mcaqlaq minn posta ghall-ohra. Nikkonferma illi kull meta intalab li jsir transfer minn persuna ghall-ohra, pero` jrid ikun l-istess kiosk, dejjem intlaqghu t-talbiet u dan minhabba illi ma jkunx hemm waiting list. Jekk hemm waiting list, ma jistax isir it-transfer ghax inkella jigi illi l-gdid jaqbez lil haddiehor u dan m'huwiex permessibbli.*"[26]

Kwalunkwe trasferiment huwa ghalhekk diskrezzjonali ghall-Kunsill ghax jiddependi minn jekk ikunx hemm *waiting list* jew le. Fir-rigward tal-kaz tal-atturi, x-xhud kompla hekk:

"*Nikkonferma li kien hemm talba biex isir transfer minn fuq Joseph Bezzina ghal fuq isem John Camilleri, talba li ntlaqghet ghaliex ma kien hemm l-ebda waiting list. It-talba saret fl-2011 u din giet with effect fl-2012..... Jien nifhem li*

[24] Xhieda ta' Georgette Borg a fol 156 et seq
[25] Fol 167 - 169
[26] Xhieda ta' Svetlick Flores a fol 198 et seq

*ladarba sar it-transfer minn fuq Bezzina ghal Camilleri, il-posta li rama Camilleri fil-festa tal-2012 kienet l-istess posta ta' Bezzina*[27]*.''*[28]

3. Kunsill Lokali – Mosta

Is-sistema f'dan il-kunsill hija wkoll li l-permess huwa abbinat mal-persuna *"ghalhekk il-prassi, u anzi wkoll skont il-ligi, hi illi meta persuna tinghata posta, is-sena ta' wara jkollha d-dritt illi terga' tarma. Pero` l-ligi tikkontempla wkoll sitwazzjonijiet fejn jista' jaghti l-kaz illi l-Kunsill Lokali, minhabba certu ezigenzi, ibiddel il-post tal-posta. Tkun tibdil taz-zona igifieri mhux posta wahda. Fil-kaz ta' Joseph Bezzina, il-konvenut, dan kellu posta. Din kienet giet trasferita ghal fuq Camilleri u Xuereb*[29]*... Minhabba illi kellna l-ittra tan-nutar u kien hemm qbil minn kulhadd igifieri l-partijiet ikkoncernati, il-Kunsill Lokali ma sab ebda diffikulta` biex jaghmel din it-transfer*[30]*.*

4. Kunsill Lokali – Zejtun

Peress qatt ma kien hemm waiting lists ghall-festa taz-Zejtun, kull min applika ghall-permess inghata. Ghalhekk il-Kunsill qatt ma ra l-bzonn li jawtorizza xi trasferimenti ghax *"kull min talab tajnieh posta*[31]*"*.

Inghad ukoll li *"ma jistax jigi xi hadd jghidilna ezempju li biegh il-kiosk u li jrid illi l-permess li jkun inghata fuq kiosk ghas-sena ta' qabel jigi trasferit fuq l-akkwirent il-gdid. Nikkonferma illi l-posta m'hijiex bi dritt. Ghalhekk jekk ghandek persuna li nghatat posta partikolari f'sena ghall-festa taz-Zejtun, jekk*

---

[27] Sottolinear tal-Qorti
[28] Ibid.Fol 199
[29] Sottolinear tal-Qorti
[30] Xhud John Camilleri a fol 200 et seq
[31] Xhud Anton Falzon a fol 207

*tigi s-sena ta' wara u tapplika ghall-permess, <u>il-Kunsill Lokali m'ghandu l-ebda obbligu li jaghtiha l-istess posta</u>[32].''*

Ix-xhud f'isem il-Kunsill enfasizza li d-diskrezzjoni tal-ghoti tal-posti hi totalment f'idejn il-Kunsill; *se mai* il-partijiet f'dan il-kaz ghamlu trasferiment tal-*kiosk* mhux tal-posta.

5. <u>Kunsill Lokali – Siggiewi</u>

Fil-kaz ta' dan il-Kunsill effettivament sar trasferiment minn fuq il-konvenut ghal fuq l-attur tal-posta li fiha kien jarma l-konvenut qabel. Jinghad hekk:

*"Il-prassi li sibt u li baqghet tigi addottata kemm ili jiena nahdem bhala Segretarju tal-Kunsill hi illi min jinghata posta jkollu numru u dik il-posta jzommha minn sena ghall-ohra...Jirrizultali illi kien sar transfer minn fuq Joseph Bezzina. Kienet in-Nutar Ritianne Bugeja Fenech illi baghtitilna ittra fejn qaltilna li qed tikteb ghan-nom ta' John Camilleri l-attur u certu Andre` Xuereb, l-attur ukoll. Infurmatna li kien sar trasferiment kiosk. <u>Ahna abbazi ta' din id-dikjarazzjoni, tajna permess biex fejn kien jarma Bezzina jibdew jarmaw Xuereb u Camilleri</u>[33].''*

6. <u>Kunsill Lokali – Hal Balzan</u>

Il-procedura hi li l-posta tappartjeni lill-Kunsill u mhux lill-persuna li tarma l-kiosk. Huwa l-Kunsill li jaghti l-permess biex il-persuna tarma kiosk. Irrizulta li f'din il-lokalita' *"Kull sena jrid jigi min ghandu kiosk biex japplika biex jinghata l-posta halli jarma fil-festa ta' Hal Balzan. Il-posti huma numerati. Il-*

[32] Sottolinear tal-Qorti
[33] Sottolinear tal-Qorti

*post jghajjat lil persuna partikolari. Jekk dik il-persuna terga' tapplika s-sena ta' wara, tinghata l-istess posta*[34]*."* Sabiex posta tigi trasferita minn persuna ghall-ohra l-Kunsill irid jinghata ftehim bil-miktub. Sakemm ma jkunx hemm waiting list, jekk tingieb l-iskrittura msemmija, t-trasferiment isehh. F'din il-lokalita' l-konvenut kellu posta li nqalbet fuq l-atturi fil-21 t'Ottubru 2011.

7. Kunsill Lokali – Hal Qormi

Il-posti ghall-armar tal-kiosks jigu allokati mill-Kunsill. Jekk persuna jkun inghata posta f'sena partikolari, fis-sena ta' wara, jekk jerga' japplika, jinghata l-istess posta. Trasferimenti tal-posti minn persuna ghall-ohra huwa accettat sakemm ma jkunx hemm waiting list. Fl-2012 il-permess ghall-posta li kien qabel fuq il-konvenut Bezzina hareg fuq l-attur John Camilleri peress li ma kien hemm ebda *waiting list*. In kontro-ezami r-rapprezentant ta' dan il-Kunsill xehed hekk:

*"F'dan il-kaz saret applikazzjoni minn Camilleri. Kieku Bezzina ma giex ma' Camilleri, xorta seta' japplika. Li kieku gie Camilleri wahdu, jiena lil Camilleri ma kontx se naghtih il-posta fejn jarma Bezzina ghax jien ma nkunx naf Bezzina huwiex ser jigi japplika biex jarma fil-festa. Dan ikun pero` possibbli fis-sena ta' wara jekk Bezzina ma jkunx applika. Min-naha ta' Bezzina kien hemm ir-rinunzja meta gew flimkien tal-posta. Ghalhekk ahna allokajnielu lil Camilleri l-posta li qabel kien jokkupa Bezzina.*

8. Kunsill Lokali – Mellieha

Ir-rapprezentant ta' dan il-Kunsill xehed illi jekk jinghataw *"prova illi l-kiosk ikun gie transferred fuq terza persuna u jkollu l-akkwirent permess, licenzja tat-*

[34] Sottolinear tal-Qorti

*Trade Department, jiena mmexxi biex il-posta tigi assenjata lill-kiosk owner il-gdid. F'dan il-kaz sar transfer tal-posta minn fuq isem Bezzina ghal fuq Camilleri, l-attur*[35]*. Kellna dikjarazzjoni tan-Nutar Ritianne Bugeja Fenech li sar negozju dwar mobile kiosk numru DBB 269 datata 21 ta' Ottubru 2011. Abbazi ta' din id-dikjarazzjoni u l-fatt li dan kellu a trading license, qed nirreferi hawn ghal Camilleri, jiena mexxejt biex il-posta li qabel kien jarma fuqha Bezzina, naghti permess lil Camilleri biex jibda jarma....Nista' nikkonferma illi f'dan il-kaz irrispettivament kienx hemm waiting list jew le, xorta tinghata l-posta lis-successur ta' Bezzina ghas-semplici raguni illi l-posta kienet diga' allokata lil Bezzina. Hareg hu u minfloku dahal Camilleri.'"*[36]

9. Kunsill Lokali – San Gwann

Il-procedura f'dan il-Kunsill hi li kull min japplika ghal permess ghal posta jinghata ghax il-festa hija wahda zghira. *Waiting lists* qatt ma jkun hemm. *"Saret talba ghal transfer ta' posta minn fuq persuna bl-isem Joseph Bezzina ghal fuq isem John Camilleri. Intbaghtet ittra 21 ta' Ottubru 2011 min-Nutar Ritianne Bugeja Fenech fejn saret it-talba biex isir transfer....It-talba intlaqghet*[37]*."*

Kontestazzjoni

Irrizulta wkoll mix-xhieda tal-attur John Camilleri stess li ghal dawk li huma permessi li jinhargu Kunsilli Lokali:

---

35 Sotolinear tal-Qorti
36 Fol 221 u 222
37 Xhieda ta' Kurt Guillaimier a fol 223

*"Nikkonferma illi l-permessi* ***kollha daru***[38] *hlief ghal dak ta' Haz-Zebbug u tal-Imgarr*[39].

L-atturi jindikaw ukoll li f'diversi lokalitajiet inghataw l-istess spazju li precedentement kienu jokkupaw il-konvenuti fil-festi. Fil-verbal tas-seduta tal-24 t'Ottubru 2014[40] l-atturi jindikaw almenu l-lokalitajiet tar-Rabat Malta, Bormla u Hal Tarxien. Qam dizgwid bejn il-partijiet dwar il-permess tal-lokalita' tal-Imgarr u ta' Haz-Zebbug.

Il-konvenuti jargumentaw li l-problema dwar it-trasferiment tal-permess mill-Kunsill Lokali tal-Imgarr kienet giet sorvolata. Infatti permezz ta' ittra datata 8 t'Awissu 2013[41], l-avukat tal-konvenuti Bezzina informa lill-atturi li l-Kunsill Lokali tal-Imgarr kien lest li jaccetta applikazzjoni maghmula mill-atturi biex huma jigu rikonoxxuti minflok il-konvenuti bid-dritt li jarmaw il-kiosk mixtri minghand il-konvenuti u b'hekk il-permessi jinqalbu minn fuq isem il-konvenuti ghal fuq l-atturi. Izda l-atturi jirribattu li dan ma kienx il-kaz. John Camilleri jghid li d-difensur tal-konvenuti kien bghatilhom *"ittra fejn qalilna li l-permess tal-Imgarr jista' jdur. Pero' mbaghad meta tkellimna mal-Kunsill, is-Sindku beda jinsisti illi dan ma jistax idur*[42]*."* Jirrizulta nfatti li wara email mibghuta mill-attur Camilleri lil dan il-Kunsill Lokali fit-3 ta' Gunju 2014, u allura ferm wara l-ittra tal-avukat tal-konvenuti, il-Kunsill ma laqax it-talba tieghu ghal trasferiment tal-permess *"peress li l-permessi tal-gabbani tal-festi m'humhiex trasferibbli*[43]*."*

---

[38] Tipa grassa u sottolinear tal-Qorti
[39] Fol 81
[40] Fol 154-155
[41] Fol 153
[42] Fol 81
[43] Fol 96

Dwar il-lokalita' ta' Haz-Zebbug, kif diga' kwotat, l-atturi kkonfermaw il-konsapevolezza taghhom sa minn ferm qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' bejgh li kien hemm "problema" biex idur il-permess fuqhom, liema problema huma ddecidew li jagixxu u jaghmlu verifiki dwarha wara l-iffirmar tal-kuntratt izda mhux qabel. Meta l-atturi ghamlu ghall-ewwel darba kuntatt mas-Sindku ta' dan il-lokal Alfred Grixti, huwa xehed hekk dwar din il-laqgha li:

*"Nikkonferma li kien gie jkellimni l-attur fejn gharrafni li kien aktar (recte xtara) gabbana minghand il-konvenuti u ried li l-permess jinqaleb f'ismu. Jien ghidtlu le, dan mhux possibbli. Qalli f'irhula ohrajn hekk jigri. Ghidtlu dan ma jistax isir u jekk xtrajt gabbana biex tarma go Haz-Zebbug, xtrajt hut fil-bahar. Dawn bdew jiehdu l-attegjament li jien ma rridx nirrangalhom. Ghidtilhom din mhix sitwazzjoni li nirrangalkom, jien marbut bil-ligi* [44]*."*

Kien waqt din il-laqgha li ghall-ewwel darba l-atturi jghidu li semghu bl-Avviz Legali 119 tal-2002. John Camilleri xehed hekk:

*"Kif spiccaw il-festi ltqajna ma' Alfred Grixti fl-ewwel gimgha ta' Ottubru 2012 u tlabna lil Joseph Bezzina jigi maghna halli jisma' u jara l-affarijiet. Dakinhar morna l-Kunsill ta' Haz-Zebbug u wara hafna battibekki, ghax ahna konna nemmnu li konna mexjin fit-triq it-tajba, is-Sur Grixti hareg il-Legal Notice 119/02 Schedule B Artikolu 4 li jghid, "Every licence, permit or authorisation issued by the Local Council is not transferable". Hemmhekk ksahna u qas konna nafu x'se naqbdu naghmlu. Bezzina beda jghidlu "U ejja dawwru", u kompla jaghmel pressjoni biex idawwar il-permess u Alfred Grixti sostna li l-Ligi mhux se tinkiser ghal hadd."*[45]

[44] Fol 56
[45] Fol 50

Dan il-kliem gie wkoll konfermat mill-attur Andre Xuereb a fol 53 tal-process. Bhala fatt, l-atturi jikkonfermaw li *"l-ewwel sena, l-festa ta' Haz-Zebbug hdimniha. It-tieni sena ma hdimnihiex pero'. L-ewwel sena mar jaghmel il-permess f'ismu Joe Bezzina pero' hdimniha ahna. Gie maghna hu. Importanti ladarba l-permess kien f'ismu li hu jidher. Meta morna nitkellmu fit-tieni sena qalulna li ma nistghux…Din is-sena*[46] *m'ahniex se nahdmuha fejn kellu l-post Bezzina. Ghandi dritt napplika fuq permess gdid ghalija izda mhux il-post fejn kellu Joe Bezzina. Ahna konna applikajna f'isimna s-sena li ghaddiet pero' dan il-permess li tawna kien barra minn Haz-Zebbug fl-outskirts, fil-main road*[47]*."* Irrizulta wkoll bhala fatt anke mill-provi suesposti li peress li fil-maggor parti tal-Kunsilli Lokali l-permessi mixtrija minnhom inqalbu fuqhom, l-atturi ghamlu uzu regolari mill-gabbana fil-festi u attivitajiet ohra mil-mument li gie fil-pussess taghhom u ghadhom juzawh sal-lum.

## C. *Licenzja tad-Dipartiment tal-Kummerc*

Mill-provi rrizulta wkoll li fit-28 ta' Mejju 2012 id-Dipartiment tal-Kummerc hareg licenzja ta' *Street Hawker* fuq l-attur John Camilleri[48]. Ma rrizultax li nharget licenzja fuq l-attur Andre' Xuereb[49]. Kif jixhed ir-rapprezentant ta' dan id-Dipartiement Keith Caruana, *"…l-licenzja tohrog b'mod generali, jista' jahdem fejn irid imma dan bil-vettura TBB 269…Licenzja ta' hawker ma tistax tigi trasferita minn fuq ras ghal ras. Ghalhekk fil-kaz ta' John Camilleri kellu japplika mill-gdid sabiex ikun jista' jinghata tali licenzja*[50]. F'seduta sussegwenti Caruana kompla jixhed hekk: "*…nikkonferma li min ghandu mobile kiosk u minnhom ibiegh food and beverage ghandu d-dmir li qabel jibda jopera japplika mat-trading licence unit sabiex jinghata permess to trade.*

[46] Xhieda moghtija fl-2014
[47] Fol 84
[48] Fol 28
[49] Xhieda Keith Caruana
[50] Seduta tas-17 ta' Gunju 2013 a fol 23

*Imbaghad biex tarma fil-festa, min ghandu l-kiosk irid jitlob ukoll permess lil Kunsill Lokali tal-lokalita' fejn tkun ser isir il-festa. Jekk fil-lokalita' tkun ser issir xi attivita' ohra li ma tkunx festa xorta irid jitlob permess lil kunsill lokali....Nikkonferma li meta jigi applikant li jkun akkwista ezempju mobile kiosk, l-applikazzjoni tigi processata fuq mertu ta' dak l-applikant u mhux dak li kellu l-predecessur tieghu*[51]*."*

L-atturi kienu ccekkjaw il-procedura dwar il-hrug tal-permess minn dan id-Dipartiment qabel ma ffirmaw il-kuntratt. Kif jghid l-attur Camilleri:

*"Mat-trade department kont iccekjajt qabel ma xtrajt, jigifieri qabel in-negozju ta' Bezzina u kont naf li rrid nghaddi minn procedura gdida biex napplika ghal trading licence gdida*[52]*."*

**D. *Relazzjoni tal-perit tekniku***

Jirrizulta finalment li relazzjoni tal-espert tekniku Joseph Zammit[53] ikkonkludiet li l-vettura in kwistjoni "*tinsab f'kundizzjoni sewwa hafna u tinsab funzjonabbli ghal dak l-iskop kollu li ghalih giet mibnija*[54]*"*. Gie stabbilit ukoll li l-valur komplessiv ta' din il-gabbana huwa ta' €31,930.00[55].

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Stabbilit dan il-kwadru ta' fatti, in kwantu l-azzjoni odjerna skattat minn kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fit-12 ta' Lulju 2011, il-Qorti tqis opportun li

[51] Seduta tal-10 ta' Jannar 2014 a fol 66 u 67
[52] Fol 68
[53] Fol 275 et seq
[54] Fol 281
[55] Fol 284

jigu l-ewwel elenkati l-principji legali u gurisprudenzjali applikabbli f'ambitu ta' kuntratt volontarjament maghmul bejn zewg partijiet jew aktar.

Il-kaz fl-ismijiet **Golden Bun Manufacturing Co. Ltd vs Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza et deciz fis-26 ta' Novembru 2015**[56] jigbor fih rassenja ta' dawn il-principji:

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. (Pacta sunt servanda). (**"Gloria mart Jonathan Beacon et vs L-Arkitett u Ngineer Civili Anthony Spiteri Staines" –** App Civ. Deciza fil-5 ta' Ottubru 1998).*

*L-applikazzjoni ta' din id-dispozizzjoni, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistghu jinsiltu minnha fil-prattika, gejja mir-rispett li jrid jinghata lill-principju li ftehim validu bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta' ligi bejniethom (pacta sunt servanda), u l-ebda Qorti m'ghandha tindahal fi ftehim bhal dan diment li dak il-ftehim ma jkunx milqut b'xi difett li jgibu ma jiswiex. Madankollu, llum huwa accettat li l-applikazzjoni tar-regola minsuga f'Kap 16 trid tigi nterpretata wkoll fid-dawl ta' principju iehor ewlieni tad-dritt jigifieri li l-kuntratti jigu esegwiti in bona fede.*

*L-Artikolu 993 tal-Kap 16 jiddisponi:*

*"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi".*

---
56 Rik Nru 402/2006 LSO

Bla dubbju l bona fede hija l-fundament u l-bazi ta' kull kuntratt. Ghalhekk nonostante li l-Artikolu 993 tal- Kodici Civili jiddisponi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fide, certanment hija regola stabbilita' illi tali agir ta' bona fide ghandu japplika u jkun ezistenti gia u sahansitra fl-istadju precedenti ghall-stipulazzjoni tal-kuntratt innifsu, ghalhekk f'dak l-istadju li jipprecedi u jwassal ghal ftehim finali. Ghalhekk fil-kawza fl-ismijiet **Baldacchino v. Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta et**, deciza mill- Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru, 2006, il-Qorti f'dan ir-rigward qalet :

*"Innegabilment, il-metru ta' dik il-bona fide li jippreciza l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, u li bih jitkejjel l-ezekuzzjoni tal-kuntratti in generali, ghandu jkollu, b'adozzjoni, post xieraq anke fi-istadji anterjuri ghall-konkluzjoni tal-kuntratt.*

Ta' l-istess hsieb kienet ukoll, il-Qorti Civili , Sede Inferjuri, fil-kawza ***De Tigne Ltd. v. Micallef,*** *deciza fl-10 ta' Jannar, 2007, ntqal hawn : "Opportunement il-Qorti thoss ii ghandu jigi mfakkar illi l-buona fede ghandha spazju aktar ampju minn dak rizervat lilha ghall-kuntratti in generali bi-Artikolu 993 tal-Kodici Civili. In kwantu, regola ta' mgieba hu mistenni li din tigi osservata mill-partijiet kemm fil-fazi in contrahendo, kif ukoll fil-konkluzjoni tal-ftehim u, b'mod specjali, fil-kors tal-ezekuzzjoni tieghu."*

*Fil-kawza,* ***Mark Calleja Urry et Vs Joseph Portelli et*** *– Qorti Appell moghti fis-sena 2011*[57]*, il-Qorti kkwotat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell*[58] *fejn qalet li: ".....il-principju jibqa' l-istess, cjoe` dak tal-liberta` kuntrattwali bil-korollarju tieghu li l-eccezzjonijiet ghal dik il-liberta` m'ghandhomx jigu estizi li hemm*

[57] 25 ta' Frar, 2011
[58] Avukat Dr. Giuseppe Maria Camilleri vs William Parkey nominee: 07.09.73

*mil-limiti tal-ligi li tistabilixxi l-eccezzjoni.....Il-Kodici Civili li jaghti lill-kuntratti maghmulin skont il-ligi is-sahha tal-ligi stess, li hija l-aqwa ligi, cjoe` l-ligi tal-partijiet, il-mezz u l-mizura tal-indipendenza personali taghhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi."*

***Dan hu konformi mal-principju li ladarba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma ffirmaw dak il-ftehim qiesu c-cirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom u allura darba ffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor, anchorche` bazat fuq l-ekwita`[59].*** *Il-principju tar-rispett ghall-volonta` tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftehmu fuqu l-partijiet ghandu "forza ta' ligi" ghalihom (l-***Artikolu 992 tal-Kodici Civili)***, u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta` taghha.*

"*Fin-noti tieghu dwar id-Dritt Civili (1978 – Pg 287), il-Prof V. Caruana Galizia jghid –*

*"Contracts entered into according to law have the force of law with respect to the parties. They bind the parties reciprocally in the same way as the law binds all citizens. This principle is based on the theory of the autonomy of the will, which on its own creates rights and obligations _ (omissis).*

*"Contract is therefore law for the parties, and just as a law may derogate another law, so may a contract, which may be considered as private law, derogate ordinary law : `dispositio hominis tollit dispositionem legis`. The*

[59] Tipa grassa u sottolinear ta' din il-Qorti

*contracting parties may by their agreement, i.e. by the contractual rule established by them, derogate the legal rule, both by substituting another rule or by not substituting anything ; and they may do so as long as the prohibition of the law, or public policy or morality is not an obstacle."*

*Fil-materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratt ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili***,** *li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car m'hemmx lok ghal interpretazzjoni (***Ara sentenza rapportata f'Vol.XXXIV.i.p27***, u "***Stanislao Cassar et vs Chevalier Antonio Cassar"*** *deciza fil-15 ta' Dicembru 1995* ***Kollezz LXXXIX.ii.704 u, "Improve Design Ltd. vs Ray's Car Hire Ltd. et "*** *P.A. deciza fis- 6 ta; Dicembru 2012). F'dan l-istess kaz, kompla jinghad:*
*"Hu biss meta s-sens tal-kliem ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha kif ikun jidher mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, li ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet. (Artikolu 1003 tal-Kap 16).*

*Kif gie osservat mill-Qorti Civili Prim' Awla fil-kaz (***"Sciberras Trigona vs Aneico"***), tas-6 ta' Ottubru 1883, "quando le parole dell'atto sono chiare si deve stare alla lettura dell'atto, e non vi e` luogo a ricorrere a congetture. (***Vol.XXXVI.p.i.p191***). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-att innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali.*

*Huwa meta s-sens litterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, li ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan, din il-Qorti diversament preseduta spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-klawsolali tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoku ghax hu car.*

*Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien.* ***("J. Bartolo et vs A. Petroni"*** *deciza 7 ta' Ottubru 1997").*

Inghad ukoll fis-sentenza li tat fit-13 ta` Frar 1950 fil-kawza "**Onor. Edgar Cuschieri O.B.E. noe vs Perit Gustavo R. Vincenti**", mill-Qorti tal-Appell:-

*"Illi fid-dritt dwar il-materja ta` interpretazzjoni tal-kuntratti, meta l-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car, jew ikunu spjegaw ruhhom ekwivokament, jew fil-kaz li posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx preveduta u li hemm bzonn li tigi maqtugha, allura l-Qrati jkunu obligati jinterpretaw il-konvenzjoni …*

*Mill-banda l-ohra jinghad li hija norma ta` interpretazzjoni stabbilita mill-ligi illi meta l-espressjonijiet fil-konvenzjoni skond is-sens lilhom attribwit mill-uzu fl-epoka tal-kuntratt, huma cari, m`hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni."*

B'referenza ghall-fattispecje tal-kaz odjern, l-ewwel talba attrici tirrigwarda talba lil din il-Qorti sabiex jigi dikjarat li huma sofrew danni *"kawza tal-fatt illi l-permessi u l-licenzji tal-mobile kiosk numru tar-registrazzjoni DBB 269* ***ma giex trasferit***[60] *fuq ir-rikorrenti ai termini tal-ftehim tat-12 ta' Lulju 2011."*

---

[60] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti

L-ilment tal-atturi ghalhekk jolqot dik il-parti tal-kuntratt tat-12 ta' Lulju li permezz taghha gew mibjugha, assenjati u trasferiti lilhom *"il-permessi u l-licenzji kollha relatati"* in konnessjoni mal-mobile kiosk in kwistjoni. Ma gie identifikat ebda "permess" jew "licenzja" partikolari.

Il-Qorti tibda biex tosserva li ghalkemm fl-ewwel talba taghhom l-atturi ma jaghmlu ebda distinzjoni ghall-liema permessi jew licenzji qeghdin jilmentaw dwarhom, minn dak li rrizulta mill-provi l-Qorti tifhem li huma m'ghandhomx ilment dwar il-licenzja mahruga mid-Dipartiment tal-Kummerc bhala *street hawker* peress li kif ammettew huma stess, meta kienu ccekjaw mad-Dipartiment dwar il-procedura applikabbli gew infumati bil-fatt li licenzja mahruga minn dan id-Dipartiment ma hijiex trasferibbli minn persuna ghal ohra[61]. L-atturi, bi pjena konoxxenza ta' dan il-fatt procedew bl-iffirmar tal-kuntratt mal-konvenuti.

Il-Qorti ghalhekk sejra tiffoka fuq l-ilment tal-atturi li jolqot il-permessi li jinhargu mill-Kunsilli Lokali ghal diversi attivitajiet li d-dispozizzjonijiet dwarhom jinsabu fl-Avviz Legali 119 tal-2002 kif emendat[62] u ntitolat *Regolamenti dwar attivitajiet li jehtiegu permess mill-Kunsill Lokali*. Fil-partijiet rilevanti taghha din il-legislazzjoni sussidjarja kif vigenti fl-epoka tal-iffirmar tal-kuntratt tipprovdi hekk:

Regolament 4 (3):

*"Kull permess, liċenza jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti għandha tkun iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali jew minn kull pursuna oħra hekk awtorizzata mill-Kunsill Lokali."*

---

[61] Artiklu 19 (1) tal-Legislazzjoni
[62] L.S. 441.04

Regolament 10:

*"(1) Ħadd ma jista' jwaqqaf xi posta jew kjosk, f'xi triq jew jagħmel xi attività kummerċjali f'tali triq f'xi ġurnata jew ġranet speċjali jew speċifiċi mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali:*

*Iżda l-Kummissarju tal-Pulizija jista', għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika, jew moralità pubblika, iwaqqaf jew jossospendi permess maħruġ taħt dan ir-regolament.*

*....*

*(8) Fl-eżeċizzju ta' identifikazzjoni ta' posti għal kjosk fi żmien il-festi reliġjużi l-Kunsill Lokali għandu:*

*(a) kemm-il darba l-ispazju li fih ser jalloka l-posti jkun l-istess spazju li diġà kien qed ikun okkupat minn dawk il-bejjiegħa b'liċenza li kellhom qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, il-Kunsill Lokali għandu jagħti preċedenza lil dawk il-bejjiegħa li jarmaw fl-istess posti fejn ikunu ilhom dan l-aħħar żmien jarmaw;*

Partikolarment rilevanti ghal din il-vertenza huwa r-regolament 4 tal-Iskeda B li l-atturi qeghdin jaghmlu enfasi fuqu u li jghid hekk:

*"Kull liċenza, permess jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-Kunsill Lokali ma jkunux trasferibbli."*

Dawn ir-Regolamenti ghalhekk jipprovdu inekwivokabilment li huwa l-Kunsill Lokali li ghandu l-poter johrog permessi jew licenzji biex jintramaw kiosks ghall-attivitajiet indikati sakemm ma jkunx hemm xi oggezzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa wkoll il-Kunsill li jalloka l-ispazji (posti) fejn ghandhom jarmaw il-bejjiegha b'dana li safejn hu possibbli l-istess spazju kull

sena jinghata lill-applikant li jkun rama fih fiz-zmien ta' qabel. **Dak li tghid l-iskeda B imbaghad huwa li l-permess jew licenzja li jinhargu mill-Kunsill fuq isem applikant partikolari ma humhiex trasferibbli mill-istess Kunsill ghal fuq isem persuna ohra**[63]

Evidentement, u minn dak li rrizulta ampjament mill-provi, ir-realta' fil-prattici u prassi adottati mid-diversi kunsilli lokali f'Malta, almenu ghal dawk li huma trasferimenti ta' permessi mahruga, hija differenti minn dak li jistipula r-regolament 4 tal-Iskeda B. Huwa car li **bhala prassi**, l-maggor parti tal-Kunsilli Lokali f'Malta jaccettaw li permess mahruga minnhom fuq isem persuna partikolari jistghu jigu trasferiti fuq isem persuna ohra purche' ma jkunx hemm *waiting lists* pendenti. Hareg ukoll mill-provi, u dan huwa skont il-ligi, li posta ma tikkoncedix drittijiet assoluti lil persuna partikolari, anke jekk din kienet ghal diversi snin tokkupa l-istess posta fl-istess lokalita'. Uhud mill-Kunsilli, ezempju dak taz-Zejtun, jaghmluha cara li posta ma hix bi dritt u l-Kunsill ma huwhiex marbut li jaghti l-istess posta lill-istess applikant minn sena ghall-ohra. Ohrajn, bhal kunsill lokali tal-Mellieha jikkoncedu l-posta lis-sid il-gdid li lilu jkun trasferit il-kiosk nonostante li jista' jkun hemm *waiting list*.

Lura ghat-talbiet tal-atturi, l-Qorti tinnota li l-argument taghhom huwa li minhabba dak li jghid ir-regolament 4 tal-Avvi Legali 119 tal-2002, il-konvenuti ma setghu qatt jittrasferulhom il-permessi li jaqghu taht din il-ligi u ghalhekk huma sfaw ingannati mill-konvenuti ghax effettivament il-mobbli mibjugh ma kienx jinkludi dak kollu pattwit fil-ftehim tat-12 ta' Lulju 2011. Fi kliem iehor, it-tezi tal-atturi hi li l-permessi u l-licenzji tal-awtoritajiet kompetenti ma gewx trasferiti fuq l-atturi kif indikat fil-kuntratt imsemmi il-ghaliex il-ligi stess tipprojbixxi li tali trasferiment isir. Fis-sottomissjonijiet

[63] Emfasi tal-Qorti

iziedu barra l ingann, in-nuqqas ta' bona fede da parti tal-konvenuti. Il-Qorti ma tikkondividix ma' din it-tezi tal-atturi.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti jirrizultalha invece li r-regolamenti tal-Avviz Legali 119 tal-2002 jirregolaw l-agir u l-poter tal-Kunsilli Lokali fil-hrug tal-permessi u ma jirregolawx ghalhekk negozju privat bejn individwi privati. Il-ligi ghaldaqstant ma tipprekludix bejgh, assenjazzjoni u trasferiment ta' permess fuq isem persuna kif inhu lil persuna ohra fi transazzjoni privata bejniethom. Dak li l-ligi ma tippermettix huwa li permess mahrug mill-Kunsill Lokali fuq isem persuna jigi trasferit mill-istess Kunsill ghal fuq isem persuna ohra.

Stabbilit dan il-principju, meta analizzat fil-kuntest tal-ftehim tat-12 ta' Lulju 2011 fl-intier tieghu, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li meta f' dan il-kuntratt sar bejgh, assenjazzjoni u trasferiment tal-"*permessi u l-licenzji kollha*" relatati mal-*mobile kiosk* in kwistjoni, dak li kien qieghed jigi trasferit u mibjugh lill-atturi kienu biss il-permessi u l-licenzji kif inhuma u f'isem il-konvenut Bezzina. Kuntrarjament ghal dak li qeghdin jallegaw l-atturi, dan it-trasferiment sehh u ma kienx kontra l-ligi ghar-ragunijiet diga' moghtija. Ghalhekk l-ewwel parti tal-ewwel talba taghhom dwar it-trasferiment innifsu tal-permessi u licenzji ma tistax tintlaqa.

Il-Qorti wkoll ma tara ebda ngann da parti tal-konvenuti f'dan kollu, kif insinwat mill-atturi, ghax l-ispirtu tal-ftehim inkluz id-diskors li sar qabel il-ftehim ma jurix mod iehor. Il-konvenut irrikonoxxa li bil-bejgh huwa kien qieghed jirrinunzja ghad-drittijiet tieghu fuq il-permessi li kienu jikkoncedulu, anke jekk bhala prassi, post partikolari f'diversi festi u cioe' kif qal hu stess

ghan-"*numri tal-posti b'kollox fejn jiena kont narma bit-trakk*[64]". Il-konvenuti ghamlu l-unika haga li setghu jaghmlu: ibieghu u jitrasferixxu dak li kellhom huma – il-permessi mahruga f'isimhom. La bil-kliem u lanqas fil-klawsoli tal-kuntratt, il-konvenuti ma taw (u lanqas setghu jaghtu) garanziji jew promessi aktar minn hekk. Infatti, kif kwotat aktar il-fuq, in-nutar tal-atturi stess ammettiet li fil-kuntratt tat-12 ta' Lulju 2011, il-konvenuti ma taw ebda garanzija lill-atturi li huma se jkunu qed jixtru xi dritt li jarmaw fi spazju jew post partikolari. L-istess nutar kienet ikkonfermat ukoll li ma ddahhlet ebda klawsola fil-kuntratt li tipprovdi ghal xi konsegwenzi jekk il-permessi u l-licenzji mibjugha mill-konvenut ma jinqalbux fuq l-atturi mill-awtoritajiet kompetenti. Tghid l-istess nutara li ghalkemm quddierma sar diskors ta' qliegh tajjeb tal-kiosk skont il-posti li kienu jgawdu l-konvenuti, l-atturi kienu jafu li kellhom jirrikorru ghand kull kunsill lokali relattiv biex jinqalbu l-permessi[65]. Dan wahdu gia jindika lli tali trasferiment qatt ma seta jkun wiehed awtomatiku u awtonomu mill-intervent tal-kunsilli lokali pertinenti. Juri ukoll illi l-konvenuti ma kienux in mala fede fil-konfront ta' l-atturi ghax sa mill bidunett indikaw certu problemi fuq it-trasferiment ta' permessi. Ghandu ukoll jinghad illi kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova n-nuqqas ta' bona fede da parti tal-konvenuti mhux bil-kontra. Il-bona fede naxxenti minn kuntratt u n-negozzjati li jwasslu ghal ftehim hija kif gia rajna (artikolu 993 tal-Kap 16) presunta.

Dan ihalli s-sitwazzjoni tal-atturi bhala wahda fejn, kif inhu ammess minnhom, minghajr ma ghamlu ebda verifiki la fil-ligi u lanqas fir-rigward tal-prattici mhaddma mill-Kunsilli Lokali, **hadu riskju, bil-konsegwenzi kollha li dan igib mieghu**, u xtraw, kif qal tajjeb is-Sindku ta' Haz-Zebbug fil-provi, hut fil-bahar. Huwa minnu li l-atturi ma hallsux prezz irhis ghal dan ir-riskju. Izda dik hija responsabbilta' unika taghhom u ma jistghu ilumu lil hadd aktar hliefhom

[64] Fol 251
[65] Fol 25

stess jekk wara l-ftehim iffirmat mal-konvenuti huma kellhom xi ripensament dwaru. Ormai, il-ftehim jikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet u ma gie riskontrat ebda difett fih li jimmerita l-intervent tal-Qorti.

Il-Qorti tissottolinea l-fatt li rrispettivament mill-esperjenza li l-konvenuti seta' kellhom fil-mistier tal-bejgh mill-gabbani, kien l-ewwel u qabel kollox obbligu tal-atturi, bhala kompraturi prospettivi, li jaghmlu l-verifiki necessarji kollha sabiex jaccertaw ruhhom mill-implikazzjoniijiet, riskji u l-konsegwenzi inkluz dawk legali ta' dak li kienu sejrin jixtru. Dan sabiex jevalwaw jekk il-prezz mitlub mill-konvenuti kienx verament misthoqq. Din l-osservazzjoni qeghda tigi enfasizzata aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li fuq ammissjoni taghhom stess, l-atturi ma kinux *"midhla ta' dan it-tip ta' xoghol"*[66] u meta ffirmaw il-konvenju mal-konvenuti stqarrew li *"ma konniex ghadna nafu l-pozizzjoni rigward dawn il-permessi x'inhi"*[67]. Anzi, u nonostante li l-konvenuti, sa minn qabel l-iffirmar tal-konvenju, kienu diga' nfurmawhom dwar il-probabilta' li kienu ser jiffacjaw problema almenu fil-lokalita' ta' Haz-Zebbug, l-atturi xorta lanqas biss indenjaw ruhhom jiehdu xi inizjattiva biex jindagaw formalment x'setghet kienet il-kawza u r-raguni ta' din id-diffikulta'.

Fi kwalunkwe kaz il-Qorti tara wkoll li effettivament ir-riskju li hadu l-atturi fir-rigward tax-xiri tal-permessi u licenzji tal-konvenuti spicca biex iffavurihom ghax fil-maggor parti tal-applikazzjonijiet li ghamlu mal-Kunsilli, irrispettivament minn dak li tghid il-ligi, it-trasferiment minn fuq il-konvenuti ghal fuq l-atturi gie approvat. Dan proprju minhabba d-dikjarazzjoni notarili li saret min-Nutar Bugeja Fenech b'referenza ghall-ftehim ta' bejgh tat-12 ta' Lulju 2011. Sahansitra anzi f'diversi lokalitajiet huma nghataw l-istess spazju li qabel kien jinghata lill-konvenuti. Bhala fatt irrizulta wkoll li l-atturi

66 Affidavits ta' John Camilleri u Andre Xuereb a fol 49 u 52 rispettivament para 6
67 Affidavit John Camilleri a fol 48

ppartecipaw bil-kiosk mixtri fil-festi li applikaw ghalihom. Jekk minn naha l-ohra s-sitwazzjoni ta' Haz-Zebbug u Mgarr ma kinitx favorevoli ghalihom, dan huwa meqjus li kien parti mir-riskju li hadu meta ffirmaw il-kuntratt.

L-atturi lanqas m'ghandhom ragun issa jilmentaw li jekk jigu biex ibieghu il-gabbana se jkollhom *"telf sostanzjali ghax il-permessi ma jistghu jduru qatt"* u li *"l-prezz miftiehem ma kienx wiehed gust fic-cirkustanzi kif zviluppaw wara*[68] *l-istess ftehim*[69]*"* ghax il-ligi, kemm dik applikabbli ghall-permessi mahruga mill-Kunsilli Lokali kif ukoll dik applikabbli ghall-licenzji mahruga mid-Dipartiment tal-Kummerc kienu fis-sehh **ferm qabel** ma gie ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet. Anke l-prassi u l-proceduri amministrattivi fil-varji Kunsilli Lokali ghal dawk li huma permessi kienu vigenti wkoll **qabel** ma sar l-ftehim. Ghalhekk l-atturi kellhom kull opportunita', jekk riedu, li minn qabel ma jidhlu ghal dan il-bejgh jevalwaw jekk u kemm, fic-cirkustanzi legali u fattwali vigenti, kien vijabbli r-riskju li jixtru l-gabbana in kwistjoni bil-licenzji u l-permessi fuq isem il-konvenut. Dan m'ghamluhx u allura huma jridu jassumu r-responsabilta' tan-nuqqasijiet taghhom stess.

In vista' ta' dak li appena nghad, il-Qorti ma tara ebda lok li tipprocedi biex tikkonsidra l-bqija tat-talbiet tal-atturi dwar danni pretizi il-ghaliex dawn certament ma humhiex gustifikati.

Ghar-ragunijiet kollha suesposti nvece, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti jimmeritaw li jigu akkolti.

[68] Sottolinear tal-Qorti
[69] Affidavits John Camilleri u Andre Xuereb a fol 50 u 53 rispettivament – para 12

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tal-atturi u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-istess atturi.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**